

Dispożittiv

- 1) Ma kienu għad hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) Hipp & Co. u Nestlé Nutrition GmbH huma kkundannati jħallsu, kull wieħed minnhom, l-ispejjeż tagħhom kif ukoll in-nofs tal-ispejjeż tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).

⁽¹⁾ ĠU C 212, 7.7.2014.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Ottubru 2015 – Il-Belġju vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-721/14) ⁽¹⁾

**(“Rikors għal annullament — Servizzi tal-logħob tal-azzard online — Protezzjoni tal-konsumaturi u l-
ġugaturi u protezzjoni tal-minorenni minn dan il-logħob — Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni — Atti li
ma jistgħux jiġu kkontestati — Inammissibbiltà”)**

(2015/C 429/32)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentanti: L. Van den Broeck u M. Jacobs, aġenti, assistiti minn P. Vlaeminck u B. Van Vooren, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Tserepa-Lacombe u F. Wilman, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2014/478/UE, tal-14 ta' Lulju 2014, dwar prinċipji għall-protezzjoni tal-konsumaturi u l-ġugaturi ta' servizzi tal-logħob tal-azzard onlajn u għall-protezzjoni tal-minorenni mil-logħob tal-azzard onlajn (ĠU L 214, p. 38).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talbiet tal-intervent tar-Repubblika Ellenika u tar-Repubblika Portugiża.
- 3) Ir-Renju tal-Belġju għandu jbati l-ispejjeż tiegħu, kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 4) Ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Portugiża u l-Kummissjoni għandhom ibatu kull wieħed minnhom l-ispejjeż rispettivi tiegħu relatati mat-talbiet tal-intervent.

⁽¹⁾ ĠU C 431, 1.12.2014.